KLR 33/V/2008

Minuti tal-laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 10 ta' April 2008 fid-9.30 ta' filgħodu.

PREŻENTI:- Is-Sinkdu Robert Tabone, il-Viċi Sindku Victor Galea Pace u l-Kunsilliera Joe Debrincat, Josef Schembri, Josphine Cassar u Marcel Tabone.

SKUŻATI:- Il-Kunsillier Michel Buttiġieġ.

Wara li ntqalet it-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Il-Kunsillier Marcel Tabone qal li ma jaqbilx li l-latrini jitneħħew mill-post eżistenti fi Triq Taħt Putirjal u jitpoġġew fl-ewwel parti tal-*playing field*. Is-Sindku qal li l-valur tal-post li fih jinsabu l-latrini u *prime site* u bhala tali jagħmel iktar sens li jiġi żviluppat f'post minn fejn jistgħu jingħataw iktar servizzi minn naħħa tal-Kunsill. Hu żied jgħid li jekk ikun hemm qbil, l-latrini jiġu rijallokati biss ftit metri 'l bogħod minn fejn huma llum u jkunu jistgħu jservu kemm għal min ikun fiż-żona ta' Triq Main Gate kif ukoll għal min ikun qiegħed fil-*playing field*. Dan is-suġġett ser jibqa' jiġi diskuss f'iktar dettal fil-futur.

1.2 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Kunsill irċieva risposta negattiva minn naħħa tad-Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet, rigward il-proġett taċ-Ċentru Storiku tar-Rabat. Ser isir l-appell għal din id-deċiżjoni.

1.3 Rigward mozzjoni numru 110 il-Kunsillier Debricat issuġġerixxa li tinżebaħ forma ta' *wheelchair* quddiem il-bieb biss ta'dar 67, fi Triq ta' Wara s-Sur. B'hekk jiġi evitat li l-vann tal-persuni b'diżabilita' tipparkja f'nofs ta' triq sabiex titella l-*wheelchair*. Il-membri qablu mas-suġġeriment.

1.4 Rigward ir-*road humps* li ġie suġġerit li jsiru fl-ewwel parti ta' Triq Għajn Qatet, il-membri qablu li tintbgħat ittra lir-residenti sabiex il-Kunsill ikun jaf jekk dawn jaqblux li jsiru r-*road humps*.

1.5 Dwar il-ġemmellaġġ ma Nichelino, s-Sindku għarraf lill-preżenti li fix-xahar ta' Settembru mhux iż-żmien addattat sabiex tittieħed delegazzjoni ta' residenti f'Nichelino. Dan minħabba l-fatt li l-Comune ta' Nichelino jkollhom il-fiera annwali tagħhom. Il-membri qabblu li jsir tentattiv sabiex din il-mawra ssir f'Ottubru li jmiss fil-ġimgħa ta'

bejn iż-żewġ opri organiżżati mit-Teatri. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat il-membri li dan il-ġemmellaġġ ġie uffiċċjalment approvat minn naħħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

1.6 Il-membri ġew infurmati li l-iżviluppaturi tad-Duke qed jistennew minn naħħa tal-Korporazzjoni Enemalta sabiex jitkompla x-xogħol tal-kisi bit-tarmac tat-triq ta' maġenb il-*Bus Terminus*.

## 2. Mozzjonijiet f'isem il-Membri

Mozzjonijiet numri 112 u 113 ġew imressqa mis-Sindku u ssekondati mill-Kunsillier Schembri.

Mozzjoni numru 112

**Nipproponi li l-*Bus Terminus* tibda tinħasel darba kull ħmistax bil-*pressure washer.***

Il-membri qablu li jintalbu stimi differenti għal dan ix-xogħol.

Mozzjoni numru 113

**Nipproponi li l-bankina ta' Pjazza Savina, mal-ġenb tal-knisja u man-naħħa l-oħra, li ħafna minnha tinsab fi stat ħażin, issir bl-i*slate*, it-tip li sar quddiem l-iskola tal-Vajringa. Nipproponi wkoll li l-bankina ta' maġenb il-Banca Giuratale (fejn kien hemm id-DOI) issir bil-porfido.**

Il-membri qablu li jsir dan ix-xogħol.

## 3. Laqgħa Annwali tal-Lokalita'

Il-membri qablu li din il-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju 2008 fis-7.15 ta' filgħaxija fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali. Ser jintbgħat avviż f'kull dar ma kull Bullettin taż-żewġ Parroċċi.

## 4. Programm Annwali għal din is-Sena Finanzjarja

Il-preżenti qablu li għas-sena finanzjara li jmiss il-Kunsill jimxi fuq il-lista amnessa f'dokument A. Wara l-laqgħa tal-Lokalita' jiġi approvat il-*Budget* għas-sena finanzjarja 2008/2009.

## 5. Jum il-Belt Victoria u Ġieħ il-Belt Victoria

Waqt id-diskussjoni il-membri qablu fuq dawn il-punti:-

i. l-attivita' prinċipali fi Pjazza Indipendenza ssir nhar is-7 ta' Ġunju li jkun is-Sibt, bil-parteċipazzjoni ta' *brass band* lokali. Il-Kunsillier Schembri għandu jivverifika rigward din il-banda.

ii. ssir attivita’ fil-grawnd taċ-Ċawla fil-*Housing Estate* sabiex jiġi inawgurat il-grawnd tat-turf sintetiku.
iii. jiġi organiżżat *tournament* tal-*football* għat-tlett klabbs Rabtin, u
iv. Ġieħ il-belt Victoria jingħata lit-tlett klabbs tal-football.

## 6. Gozo 1234

Gozo 1234 hi attivtia’ li qed tiġi orgniżżata mis-Segretarjat Parlamentari għat-Tuiżmu, il-Ministeru għal Għawdex u l-kumpannija Burning Spear Ltd. Ser tkun mifruxa m’ Għawdex kollu u ser jiġi nkorporat l-festival tan-nar li s-soltu jsir f’Malta. Il-Kunsilli ġew mitluba sabiex jorganiżżaw attivitajiet matul l-1 u l-4 ta’ Mejju 2008 filgħodu.

Il-Kunsill tar-Rabat ser jorganiżża żewġ attivitajiet li fihom jieħdu sehem l-Astra Folk Group nhar il-Ħamis l-1 ta’ Mejju u l-Aurora Folk Group nhar it-3 ta’ Mejju. Dawn ser joffru attivita’ ta’ sagħtejn, bejn il-11.00 am u s-1.00 pm. Fejn fiha jkun hemm kant, daqq u żfin folkloristiku b’temi differenti bħala tieġ antik u festa folkloristika. Iż-żewġ gruppi folk ser joffru l-proposti tagħhom sabiex il-Kunsill ikun jaf kif ser iqassmu l-ħin tagħhom. Ser jiġu organiżżati wkoll *tours* maċ-ċentru storiku tar-Rabat.

## 7. Korrispondenza

Is-Seg. Eżekuttiv ressqet korrispondenza mingħand :-

7.1 l-Victoria Scout Group fejn talbu sabiex issir *Car Wash* f’parti mill-parkeġġ ta’ maġenb l-Arkadia. Dan fis-26 ta’ April 2008. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

7.2 Saviour Tabone fejn ilmenta rigward il-vetturi tqal li ma jistgħux jgħaddu minn parti minn Triq Vajringa. Dn l-ilment ġiet referut lill-Awtorita’ Dwar it-Trasport (ADT);

7.3 l-Fondazzjoni Oasi rigward l-attivita’ bl-isem ‘Riflessi Sajfin’ li ssir f’Awwissu. Il-Kunsill ser jgħin lill-Oasi u joffri €116.47;

7.4 l-ADT rigward talba għall-persuni b’diżabilia’ ta’ George Bugeja, ‘Bellusa’, Triq il- 31 ta’ Marzu. Il-Kunsill ser jimla l-formola li tintbgħat ma l-applikazzjoni;

## 8. Materji oħra

Il-preżenti qablu li:-

8.1 tintalab laqgħa ma’ l-ADT rigward l-ispostament tal-kiosks il-kbar minn Triq taħt Putirjal għall-parti t-isfel tal-*Bus Terminus*, matul il-ġranet tal-festi titulari;

8.2 rigward il-bdil ta’ kaxxi tal-monti numri 4 u 6, is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li skond ir-reġistrazzjonijiet li daħħlu fil-Kunsill, kaxxa 6 tgħajjat lill-Raymond Grima. Dan ma ffirmax il-ftehim li ġie ppreżentat fil-Kunsill. Il-membri qablu li n-Nutar li qed jidher għal dan il-ftehim għandu jiġi nfurmat b’dan;

8.3 wara li r-residenti qablu, jitmexxa l-proċess sabiex isiru bozzoz ġodda ma 'Sahkira, Triq Ġużè' Micallef u fi Triq Santa Martha. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-bozza l-ġdida li kellha teħel fil-parti mdallma ta' Triq in-Neolitiċi kantuniera ma Triq Aniċi saret aktar il-ġew fi Triq in-Neolitiċi b'tali mod li ma lluminatx il-parti mdallma. Il-membri qablu li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntatturi tad-dawl;

8.4 l-Kunsill jipparteċipa fl-organiżżazzjoni taż-żewġ opri liriċi li jsiru kull sena;

8.5 jiġu approvati x-xogħoljiet ta' bankini li saru fi Triq Salvatore Psaila u Triq il-Kunsil Ċiviku - €17,863.87, u x-xogħol tal-bajjad u tad-dranaġġ li saru fil-latrina ta' Triq Enriko Mizzi - €3,555.53;

8.6 ser jiġi organiżżat kunċert pop fi Pjazza Indipendenza nhar is-17 ta' Mejju 2008. M'għandiex taqbeż is-somma ta' €250;

8.7 il-membri ġew infurmati li l-Kunsill irċieva s-somma ta' €60,378.18 mingħand il-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali. Dawn ikopru x-xogħol li sar fil-H. E. taċ-Ċawla.

Il-laqgħa ntemmet fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar. Laqgħa oħra ser issir nhar

| | |
|---|---|
| Robert Tabone | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |